MALTA

**TRIBUNAL GHAL TALBIET** ZGHAR
**GUDIKATUR DR. KEVIN MOMPALAO**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2014

Talba Numru. 45/2013

Mobisle Communications Limited

-vs-

Joseph Mario Cremona

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-kumpanija attrici talbet illi l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' seba mija u tlieta u hamsin Ewro u ghoxrin centezmu (€753.20), import ta' servizzi ta' telekommunikazzjoni. Dan bl-ispejjez kollha, kif mitlub u bl-imghaxijiet.

Ra illi l-konvenut debitament notifikat b'dan l-avviz la qatt deher biex jikkontesta t-talba u lanqas qatt ma prezenta risposta.

Ra illi fis-seduti ta' wara tali notifika il-konvenut ma deherx.

Ra u sema l-provi mressqa u ra d-dokumenti esebiti.

Ra d-digriet tieghu tal-erbgha ta' Marzu, elfejn u erbatax (04.03.2014) li permezz tieghu din il-kawza giet diferita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum

Ikkunsidra

Illi l-konvenut naqas milli jikkontesta din it-talba. Fil-fatt huwa la prezenta risposta fiz-zmien li trid il-ligi u lanqas qatt deher quddiem it-tribunal sabiex jikkontesta t-talba. F'okkazzjoni partikolari l-konvenut kien baghat komunika elettronika lir-Registratur fejn talab differiment, liema talba giet akkolta. Izda wara dakinhar il-konvenut xorta wahda qatt ma deher. Meta dan it-tribunal iddeferixxa ghas-sentenza ghamel dan in difett ta' ostakolu, biex jaghti opportunita lil konvenut, li jekk inhu l-kaz, jiggustifika n-nuqqas tieghu, izda jidher illi l-konvenut ma ghamel xejn.

Fis-seduta tat-tletin (30) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014) gew prezentati kapitoli li ma gewx ikkontestati u li allura fis-seduta sussegwenti gew miftuha u konsiderati bhala mistqarra.

Dan it-tribunal sema' wkoll lir-rapprezentat tal-kumpanija attrici jikkonferma bil-gurament tieghu t-talba maghmula li baqghet mhux saldata.

Illi dan t-Tribunal jidhirlu illi kemm fin-nuqqas ta' oppozizzjoni kif ukoll mil-kumpless tal-fatti u provi kif prodotti quddiemu, u anke fid-dawl ta' l-ammissjoni tacita permezz tal-procedura tas-subizzjoni, t-talba attrici tidher wahda gustifikata u timmerita li tigi akkolta.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta u jiddecidi din il-kawza billi jilqa' t-talbiet attrici, jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-kumpanija attrici s-somma ta' seba' mija u tlieta u hamsin Ewro u ghoxrin centezmu (€753.20); bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz il-quddiem. Bl-ispejjez kollha kontra tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------